MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 467/2001/1

**Benjamin Curmi**

**vs**

**Christine Vella**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ Lm811.25c (tmien mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni sofferti fil-vettura tal-attur numru QUI 110 tal-marka Daewoo, kagun ta’ incident stradali li sehh nhar is-26 ta’ Marzu 2000 fl-inkrocju bejn Sliema Road u Rue D’Argens, il-Gzira, liema incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 22 ta’ Novembru 2000, u b’riserva ghal kull azzjoni ghad-danni ulterjuri risultanti mill-incident suriferit.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm811.25c (tmien mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh nhar is-26 ta' Marzu 2000.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**